



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Frar 2013 (04.03)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0059 (COD)**

**6930/13
ADD 2**

**FRONT 14
VISA 52
CODEC 451
COMIX 131**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2013) 51 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill dwar it-Twaqqif ta' Programm ta' Vjaġġaturi Registrati

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni SWD(2013) 51 final.

Mehmuż: SWD(2013) 51 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2013
SWD(2013) 51 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument ta' akkumpanjament għall-

**PROPOSTA TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL DWAR**

It-twaqqif ta' Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati

{COM(2013) 97 final}

{SWD(2013) 50 final}

{SWD(2013) 52 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument ta' akkumpanjament għall-

PROPOSTA TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR

It-twaqqif ta' Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati

Dan id-dokument huwa dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea għal finijiet ta' informazzjoni. Ma jirrappreżentax il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni, u lanqas ma jantiċipa tali pożizzjoni.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Skont l-aktar dejta komprensiva reċenti pprovduta mill-Istati Membri, kien hemm 669 miljun qsim tal-fruntieri esterni fl-2009, 675 miljun fl-2010 u 700 miljun fl-2011, inklużi ċ-ċittadini tal-UE u ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-qsim mill-akbar punti ta' qsim tal-fruntiera u daww l-aktar attivi baqa' jizjed u se jibqa' jagħmel dan fil-futur. Il-ġestjoni effiċjenti u fluwenti tal-flussi akbar ta' passiġġieri fil-punti tal-qsim tal-fruntiera esterna se tkun sfida għall-maġġoranza tal-Istati Membri.

Il-liġi tal-UE titlob li jsiru kontrolli sistematiċi fil-fruntieri esterni ta' Schengen fuq il-vjaġġaturi kollha (kemm meta jidhru kif ukoll meta joħorġu). Normalment isiru kontrolli bir-reqqa fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi, u fuq ċittadini tal-UE u persuni li għandhom id-dritt għall-moviment liberu jsiru l-kontrolli minimi¹. Madankollu, ir-regoli attwali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu deskritti bħala "soluzzjoni waħda għal kulħadd", għaliex l-istess kontrolli japplikaw irrispettivament minn kwalunkwe differenza fir-riskju bejn vjaġġaturi differenti jew mill-frekwenza tal-ivvjaġġar tagħhom.

Il-kontrolli taċ-ċittadini tal-UE fuq il-fruntieri jistgħu jiġu awtomatizzati, fuq il-bażi tal-leġislazzjoni attwali, jekk dawn ikollhom passaport elettroniku. Madankollu, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi dan ma jistax isir mingħajr ma jinbidel il-qafas legali u jiġi stabbilit programm speċifiku li jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. 26,5 % tal-vjaġġaturi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE huma ċittadini ta' pajjiżi terzi – ħafna minnhom jaqsmu l-fruntiera għal diversi drabi fis-sena, jekk mhux fil-ġimgħa. Il-fluwidità fil-qsim tal-fruntieri u l-kapaċità tal-iproċessar fil-punti tal-qsim tal-fruntieri jistgħu jittejjbu ħafna anke jkun biss persentaġġ żgħir ta' vjaġġaturi frekwenti minn pajjiżi terzi li jissieħbu fil-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (Registered Traveller Programme, RTP).

Il-valutazzjoni tal-impatt preċedenti li akkumpanjat il-komunikazzjoni *t-tnejn tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea*² fl-2008 ssuġġeriet it-twaqqif ta' Programm

¹ ĠU L 158, 30.4.2004.

² SEC(2008) 154, 13.2.2008.

ta' Vjaġġaturi Rreġistrati għall-vjaġġaturi frekwenti u għal ċittadini vjaġġaturi ta' pajjiżi terzi li jkunu għaddew minn skrutinju preventiv. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fl-2011 iddiskutiet l-opzjonijiet varji u t-triq 'il quddiem³. Il-valutazzjoni tal-impatt attwali teżamina opzjonijiet differenti ta' implimentazzjoni sabiex jinstab *l-aħjar mod possibbli biex jiġi implimentat l-RTP*. Madankollu, l-impatti tal-RTP kollu kemm hu huma analizzati abbażi tal-opzjonijiet speċifiċi.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETA

Skont l-Artikoli 74 u 77(2)(b) u 77(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha l-poter li tadotta miżuri rigward il-kontrolli fuq il-persuni u għas-sorveljanza effiċjenti fil-qsim tal-fruntieri esterni.

Il-ħtieġa għal intervent fuq livell Ewropew hija ċara. L-ebda Stat Membru ma huwa kapaċi jibni RTP waħdu li jipprovdi kontrolli ffaċilitati fuq il-fruntieri tal-Istati Membri ta' Schengen. Deċiżjoni ta' Stat Membru individwali li jagħti aċċess għal RTP li jkopri l-UE kollha tħalli impatt fuq il-pajjiżi kollha ta' Schengen, u għalhekk programm bħal dan irid jiġi rregolat fil-livell tal-UE. Kwalunkwe miżura relatata mal-kontroll tal-fruntieri jkollha tapplika għaż-żona ta' Schengen mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni, li bħalissa tinkludi lill-Istati Membri kollha ħliet ir-Rumanija, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Renju Unit u l-Irlanda u erba' pajjiżi Ewropej oħra (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein). L-Istati ta' Schengen huma impenjati li jżommu l-fruntieri komuni tal-UE u standards komuni għall-kontrolli ta' fuq il-fruntieri. Il-kontrolli jitwettqu biss fuq il-fruntiera esterna, u minn hemmhekk 'il quddiem il-vjaġġatur jista' jivvjaġġa liberament fiż-żona ta' Schengen. Huwa vitali għas-sigurtà interna taż-żona Schengen li r-regoli vinkolanti kollha marbutin mal-kontroll tal-fruntieri jiġu deċiżi fil-livell tal-UE.

Għalhekk, l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE.

Il-valur miżjud tal-UE

L-RTP jeħtieġ li jiġi implimentat fil-punti kollha tal-qsim tal-fruntiera esterna tal-UE, u se jkollu implikazzjonijiet fuq ir-riżorsi għall-gwardji fil-fruntieri tal-pajjiżi kollha ta' Schengen. L-RTP tal-UE jiżgura li l-UE jkollha approċċ komuni għall-RTP bbażat fuq leġislazzjoni komuni u b'hekk jiggarrantixxi li r-regoli jibqgħu l-istess fil-fruntieri kollha ta' Schengen. Għal ċittadini vjaġġaturi ta' pajjiżi terzi, dan ifisser li l-RTP jkun disponibbli għalihom fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera ta' Schengen mingħajr skrutinju separat minn pajjiż ieħor ta' Schengen. Fi kliem ieħor, persuna li tgħaddi l-iskrutinju ta' Stat Membru tista' tibbenefika mill-faċilitazzjoni meta taqsam il-fruntieri esterni ta' xi Stat Membru ieħor. Mingħajr regoli komuni dan mhuwiex possibbli.

3. L-GĦANIJET TAL-INITJATTIVA TAL-UE

L-għanijiet ġenerali tal-RTP huma:

- Li jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri esterni tal-UE minn ċittadini ta' pajjiżi terzi;

³ COM(2011) 680 final.

- Li jinżamm il-livell attwali ta' sigurtà.

L-għanijiet speċifiċi huma:

- Li jiġi promoss l-aċċess għall-RTP għal ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-frutniera b'mod frekwenti u li jkunu għaddew mill-iskrutinju;
- Li tkun żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Vjaġġaturi Rreġistrati, b'mod partikolari tad-dejta personali tagħhom;
- Li tkun evitata d-diskriminazzjoni bejn gruppi differenti ta' vjaġġaturi.

L-għanijiet operattivi huma:

- Li jonqsu l-ħin u l-ispejjeż tal-qsim tal-fruntieri għall-vjaġġaturi frekwenti u li tizzied il-kapaċità tal-ipproċessar tal-flussi fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-kontrolli tal-Vjaġġaturi Rreġistrati fuq il-fruntieri m'għandhomx jieħdu aktar minn 20-40 sekonda bħala medja.
- Li r-riżorsi tal-kontroll tal-fruntieri jiġu lliberati b'25% minħabba l-kontroll fuq il-movimenti transkonfinali tal-vjaġġaturi frekwenti li jkunu għaddew l-iskrutinju u li jkun hemm aktar konċentrazzjoni fuq il-kontroll ta' vjaġġaturi b'riskju oġġla⁴ u/jew biex jinqdew vjaġġaturi oħrajn.

4. OPZJONIJIET TA' POLITIKA

Waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati ġew identifikati ħames opzjonijiet ta' politika marbutin mal-implimentazzjoni tal-RTP. Għal kull waħda minn dawn il-ħames opzjonijiet ta' politika, ġew definiti opzjonijiet ta' implimentazzjoni prattiċi u reali. Fir-rigward tal-**Opzjoni politika 1** "il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal RTP", l-aħjar subopzjoni tant hija ċara u evidenti li l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni fi kwalunkwe punt tal-qsim tal-fruntieri esterni u fi kwalunkwe konsulat tal-Istati Membri ntgħażlet mingħajr analiżi ulterjuri. L-erba' opzjonijiet ta' politika l-oħra u s-subopzjonijiet tagħhom huma dawn li ġejjin:

⁴ Il-vjaġġaturi li jiddeċiedu li ma jissehbux fl-RTP mhumiex u mhux se jiġu kkunsidrati bħala vjaġġaturi b'riskju oġġla għax ma jkunux qed jipparteċipaw fl-RTP.

4.1. Opzjoni politika 2: Il-ħżin tad-dejta

4.1.1. RTP bbażat fuq dejta maħżuna f'token separat⁵ (subopzjoni 2a)

4.1.2. RTP ibbażat fuq dejta maħżuna f'bażi tad-dejta ċentralizzata (subopzjoni 2b)

4.1.3. RTP bbażat fuq dejta maħżuna f'token separat ikkombinat ma' repożitorju (subopzjoni 2c)

4.2. Opzjoni politika 3: Il-kriterji tal-iskrutinju

4.2.1 L-istess bħalma huwa l-każ għad-detenturi ta' viża għal dħul multiplu (fuq il-bażi tal-liġi attwali tal-UE (subopzjoni 3a)

4.2.2 Skrutinju aktar bir-reqqa bi kriterji addizzjonali (subopzjoni 3b)

4.2.3 Subopzjonijiet imwarrbin: L-involviment ta' pajjiżi terzi fl-iskrutinju (subopzjoni 3c)

4.3. Opzjoni politika 4: L-awtomazzjoni tal-kontroll fuq il-fruntieri għall-Vjaġġaturi Rreġistrati

4.3.1. L-awtomazzjoni totali (Subopzjoni 4a)

4.3.2. Sistemi semiawtomatizzati (subopzjoni 4b)

4.4. Opzjoni politika 5: It-tariffa tal-applikazzjoni

4.4.1 Ħlas ta' EUR 20 (subopzjoni 5a)

4.4.2 L-ebda ħlas (subopzjoni 5b)

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Tabella 1 – Il-valutazzjoni tal-opzjonijiet politiċi*)

Opzjonijiet u subopzjonijiet politiċi	Biex jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntieri esterni tal-UE minn ċittadini ta' pajjiżi terzi	Biex jinżamm il-livell attwali ta' sigurtà	Spejjeż	Ħarsien tad-drittijiet fundamentali
<u>Opzjoni 0</u>				
Linja bażi	0	0	0	0
<u>Opzjoni 2</u>				
Id-dejta maħżuna f'token (2a)	√√	√√	-√√	-√
Id-dejta maħżuna f'bażi tad-dejta ċentralizzata (2b)	√√√√	√√√	-√√	-√√√

⁵ Fil-kuntest ta' RTP, token jista' jiġi deskritt bħala mezz fiżiku mogħti lill-utent awtorizzat biex jagħti prova tal-identità tiegħu elettronikament. It-token jaġixxi bħal ċavetta elektronika li tagħti aċċess għal xi ħaġa, f'dan il-każ għas-sistema tal-ABC

Id-dejta (in-numru ta' identifikazzjoni uniku) maħżuna f'token u (l-identifikatur uniku, l-informazzjoni bijometrika u d-dejta mill-applikazzjoni) f'repożitorju ċentrali (2c)	√√√	√√	-√√√	-√
<u>Opzjonijiet 3 u 4**)</u>				
L-istess skrutinju bħal dak li jsir għad-detenturi ta' viża għal dħul multiplu, il-qsim tal-fruntieri totalment awtomatizzat	√√√√	√	-√	0
L-istess skrutinju bħal dak li jsir għad-detenturi ta' viża għal dħul multiplu, il-qsim tal-fruntieri semiawtomatizzat	√	√√	-√	0
Skrutinju aktar bir-reqqa, il-qsim tal-fruntieri totalment awtomatizzat	√√√	√√	-√√	-√√
Skrutinju aktar bir-reqqa, il-qsim tal-fruntieri semiawtomatizzat	√	√√√	-√√√	-√√
<u>Opzjoni 5</u>				
Tariffa għall-applikazzjoni ta' EUR 20/10 (5a)	√√	-	0	-
L-ebda tariffa għall-applikazzjoni (5b)	√√√	-	-√√√	-

*) It-tliet subopzjonijiet tal-opzjoni politika 1 (il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal RTP) mhumiex inklużi fit-Tabella 1 għaliex l-aħjar opzjoni hija diġà deskritta fil-bidu tal-Kapitolu 4.

**) L-impatti tas-subopzjonijiet fir-rigward tal-opzjonijiet politiċi 3 u 4 (il-kriterji tal-iskrutinju u l-kontroll awtomatizzat tal-fruntieri) huma marbutin direttament, fis-sens li l-impatt tas-subopzjonijiet fir-rigward tal-iskrutinju ma jistgħux jiġu vvalutati mingħajr ma wieħed ikun jaf liema hija l-opzjoni ppreferuta fir-rigward tal-awtomatizzazzjoni, u viċi versa. Konsegwentement, l-erba' subopzjonijiet disponibbli (3a, 3b, 4a, 4b) miż-żewġ opzjonijiet politiċi ġew ikkombinati fl-erba' varjazzjonijiet possibbli, u l-impatt tal-erba' varjazzjonijiet kollha huwa vvalutat b' mod integrat.

6. TQABBIL TAL-OPZJONIJIET

Il-ħżin tad-dejta

It-tliet subopzjonijiet jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-għanijiet kif definiti, u huma, notevolment, għal kollox koerenti mal-politika tal-UE dwar il-fruntieri: is-sigurtà u l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni rregolari ma jitnaqqasux waqt il-qsim tal-fruntieri, filwaqt li l-ftuħ tal-UE għad-dinja u l-kapaċità tagħha li tiffaċilita l-kuntatti transkonfinali bejn il-popli, il-kummerċ u l-iskambju kulturali huma mogħtija spinta. Il-programm ikun l-ewwel wieħed fid-dinja li jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi kollha, u li jkun jitħaddem f'diversi Stati, f'dan il-każ fiż-żona sħiħa ta' Schengen. F'dan il-kuntest, l-Ewropa tista' tkun ir-rajjes għall-bqija tad-dinja.

Is-subopzjoni bbażata fuq it-token tillimita t-tħassib dwar il-protezzjoni tad-dejta u tippermetti l-viżibbiltà. Is-subopzjoni bbażata fuq RTP ċentralizzat hija aktar sigura u aktar faċli biex tiġi implimentata fil-prattika fil-punti tal-qsim tal-fruntiera. Din tal-aħħar hija, madankollu, kontrobbilanċjata mill-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema ċentralizzata ġdida fejn id-dejta kollha tkun disponibbli u suġġetta għat-tiftix.

Is-subopzjoni bbażata fuq token/repożitorju ċentrali tista' tkun subopzjoni ibrida bejn iż-żewġ subopzjonijiet ta' hawn fuq, li tikkombina l-vantaġġi rispettivi tagħhom. Din timminimizza l-użu ta' dejta personali f'sistema tal-UE, u tevita l-iżvantaġġi prinċipali tas-sigurtà ta' sistema bbażata fuq it-token. Madankollu, tipprovdi għal integrazzjoni mill-aktar ikkumplikata mal-

proċess tal-kontroll tal-fruntieri peress li tintroduċi kemm il-verifika tat-token kif ukoll il-verifika tiegħu fir-repożitorju ċentrali.

Il-kriterji tal-iskrutinju u l-kontroll tal-fruntieri awtomatizzati

Il-valutazzjoni wriet li proċedura aktar stretta ta' skrutinju ma għandhiex xi impatt reali fuq is-sigurtà tal-kontrolli nfushom tal-fruntieri, kif ukoll li l-faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntieri bil-kontrolli semiawtomatizzati fuq il-fruntieri hija limitata wisq biex iġġib valur miżjud. Barra minn hekk, proċedura ta' skrutinju aktar stretta żżid b'mod konsiderevoli l-ispejjeż amministrattivi tal-Istati Membri u jkollha effett sinifikanti fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

It-tariffa tal-applikazzjoni

Bl-introduzzjoni ta' tariffa ta' EUR 20, l-ispejjeż amministrattivi tal-Istati Membri sabiex jeżaminaw l-applikazzjonijiet jiġu newtralizzati. Dan ikun ukoll konsistenti mal-approċċ magħżul għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-viża. Madankollu, li ma jkunx hemm tariffa hija subopzjoni li tiggarantixxi aħjar li jkun hemm għadd kbir ta' parteċipanti fil-programm. L-iżvantaġġ ta' din l-opzjoni huwa li jiġu sottomessi ħafna applikazzjonijiet ineliġibbli.

7. L-ALTERNATTIVA PREFERUTA

Il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal RTP

Għall-**opzjoni politika 1** huwa ċar li jekk jitħalla f'idejn il-vjaġġatur biex jagħżel l-aħjar post għalih fejn jiddepożita l-applikazzjoni, jiġi ggarantit numru akbar ta' parteċipanti fil-programm, u dan jgħin lill-Istati Membri jamministraw il-flussi tal-passiġġieri tagħhom fil-punti tal-qsim tal-fruntieri esterni. Għalhekk, is-subopzjoni ppreferuta hija l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal RTP fi kwalunkwe punt tal-qsim tal-fruntiera u fi kwalunkwe konsolat ta' Stat Membru. Il-kost-effettività ta' din is-subopzjoni hija bla dubju l-aħjar, u hija koerenti bis-siħ mal-politika eżistenti dwar il-fruntieri u l-viża.

Il-ħżin tad-dejta

L-identifikazzjoni tal-opzjoni ppreferuta rigward l-**opzjoni politika 2** hija aktar kumplessa, kif jidher fil-kapitolu 6. Il-punteġġ totali ta' kull subopzjoni fir-rigward tal-**opzjoni politika 2** huwa kważi indaq, iżda kull subopzjoni turi b'mod distint dgħufijiet differenti: is-subopzjoni bbażata fuq it-token turi kwistjonijiet sinifikanti ta' sigurtà, is-subopzjoni dwar il-bażi tad-dejta ċentrali turi kwistjonijiet sinifikanti ta' drittijiet fundamentali, u s-subopzjoni dwar it-token/ir-repożitorju ċentrali turi spejjeż sinifikanti. Madankollu, l-analiżi tal-kost benefiċċju turi li anke l-ispejjeż oġhla ta' darba u l-ispejjeż tal-operat ta' kull sena għat-tħaddim tas-subopzjoni tat-token/tar-repożitorju se jiġu kkompensati bis-siħ fuq medda twila ta' żmien mill-benefiċċji ekonomiċi tal-RTP meta meħud f'daqqa għall-Istati Membri. Din hija, għalhekk, is-subopzjoni ppreferuta rigward l-opzjoni politika 2. Din is-subopzjoni tipprevedi bilanċ proporzjonat bejn is-sigurtà, il-faċilitazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta. Id-dejta maħżuna f'repożitorju ċentrali tkun disponibbli għall-gwardji tal-fruntieri biss meta jivvalutaw applikazzjoni, iġeddu/jirrevokaw l-aċċess għall-RTP, f'każ li t-token jintilef jew jinsteraq, jew jekk isseħħ xi problema dwar l-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntieri għall-vjaġġaturi rreġistrati. Meta jkun qed iwettaq verifiki fil-fruntiera, gwardja tal-fruntiera jirċievi biss informazzjoni pożittiva jew negattiva. B'dan, tkun qed tiġi implimentata l-opzjoni "privatezza fid-disinn".

Il-kriterji għall-iskrutinju u l-awtomazzjoni

Għall-**opzjonijiet politiċi 3 u 4** huwa ċar li l-impatt totali jekk jiġu kkombinati l-istess kriterji ta' skrutinju bħal tal-viżi għal dħul multiplu mal-kontroll totalment awtomatizzat fuq il-fruntieri għandu l-ogħla impatt fuq l-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntieri għall-Vjaġġaturi Rreġistrati. Barra minn hekk, dan joffri approċċ ibbilanċjat għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Huwa wkoll l-orħos l-approċċ meta jitqiesu l-ispejjeż assoċjati ma' proċedura ta' skrutinju aktar stretta u kontroll semiawtomatizzat fuq il-fruntieri.

Madankollu, ta' min jinnota li l-implimentazzjoni ta' kontroll totalment awtomatizzat fuq il-fruntieri titlob li tiġi żviluppata u implimentata sistema ta' dħul/ħruġ b'mod parallel, li tippermetti li jiġi sostitwit l-obbligu tal-ittimbrar mar-reġistrazzjoni elettronika tad-dati tad-dħul u l-ħruġ tal-vjaġġaturi kollha, inklużi dawk li jkollhom is-sħubija ta' Vjaġġatur Irreġistrat.

It-tariffa tal-applikazzjoni

Għall-**opzjoni politika 5** huwa raġonevoli li l-RTP jkun akkumpanjat minn tariffa ta' EUR 20/10 li tkun tkopri l-ispejjeż amministrattivi biex l-applikazzjonijiet jiġu eżaminati, u li tiġi stabbilita f'livell li ma għandux jaqta' qalb l-applikanti potenzjali.

Fil-qosor, l-opzjoni ppreferuta tikkonsisti minn dan li ġej:

- Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet f'konsulati kif ukoll f'punti tal-qsim tal-fruntieri;
- Il-kombinazzjoni tat-token u tal-ħażna ċentralizzata tad-dejta bijometrika anonima ta' kull applikant u d-dejta minn applikazzjoni;
- L-applikazzjoni tal-istess kriterji ta' skrutinju kif definiti attwalment fil-liġi tal-UE għall-viżi għal dħul multiplu;
- L-għoti ta' aċċess lill-Vjaġġatur Irreġistrat għall-proċess ta' kontroll totalment awtomatizzat fuq il-fruntieri;
- It-talba għal ħlas ta' EUR 20 għal kull applikazzjoni ta' Vjaġġatur Irreġistrat. Madankollu, se tiddaħħal tariffa mnaqqsa (10 euro) f'każ li applikazzjoni għall-viża u applikazzjoni għall-RTP jiġu eżaminati fl-istess ħin abbażi tal-istess dokumenti ta' prova.

L-opzjoni preferuta tkun totalment konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, b'mod partikolari l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta u l-ħtiġijiet tan-neċessità, tal-proporzjonalità, tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-kwalità tad-dejta; u li jkunu fis-seħħ salvagwardji u mekkaniżmi għall-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet fundamentali tal-vjaġġaturi individwali u b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-dejta personali tagħhom. Il-persunal u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jkunu jafu b'dawn id-drittijiet.

L-ispejjeż u l-appoġġ finanzjarju

L-ammont totali stmat tal-ispejjeż ta' darba tal-opzjoni ppreferuta tal-RTP għall-Aġenzija sabiex tiżviluppa parti ċentralizzata tkun EUR 43 miljun, mifruxa fuq sentejn jew tlieta, u l-ispejjeż medji annwali għall-manutenzjoni/l-operat ikunu EUR 20 miljun fis-sena. L-ipejjeż totali ta' darba għall-Istati Membri biex jiżviluppaw u jsawru l-infrastrutturi nazzjonali tagħhom ikunu EUR 164 miljun, mifruxa fuq sentejn jew tlieta, u l-ispejjeż medji annwali

għall-manutenzjoni/l-operat ikunu EUR 81 miljun fis-sena. L-ispejjeż imsemmija hawn fuq jinkludu wkoll l-ispejjeż amministrattivi ħlief l-ispejjeż biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet. L-ispejjeż tal-awtomazzjoni jkun jvarjaw ħafna għax jiddependi mill-għadd ta' bibien awtomatizzati li għandhom jiġu implimentati.

L-ispejjeż tal-persunal u tal-investment biex jiġi stabbilit u jinżamm l-RTP se jiġu kkompensati fi żmien raġonevoli fil-forma ta' riżorsi rilaxxati tal-persunal u prezz orħos tal-unità għal kull kontroll fuq il-fruntiera.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (MFF) tinkludi proposta ta' 4,6 biljun EUR għall-Fond dwar is-Sigurtà Interna (ISF) għall-perjodu 2014-2020. Fil-proposta, bħala ammont indikattiv hemm imwarrbin EUR 1,1 biljun għall-iżvilupp tal-EES u tal-RTP jekk wieħed jassumi li l-ispejjeż tal-iżvilupp se jibdew biss fl-2015. Barra minn hekk, lil hinn mill-ambitu tal-ISF, ammont separat ta' EUR 822 miljun jitwarrab għall-ġestjoni ta' sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira (is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-EURODAC)⁶. Il-Kummissjoni tippredvi li tafda l-kompiti ta' implimentazzjoni għal dawn is-sistemi f'idejn l-Aġenzija. L-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-ispejjeż tal-iżvilupp nazzjonali jiżgura li ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli fil-livell nazzjonali ma jipperikolawx jew idewmu lill-proġetti.

Għal pajjiżi terzi, mhux se jkun hemm spejjeż għall-implimentazzjoni tal-RTP. Wara l-possibilità ta' adozzjoni tal-RTP, il-pajjiżi terzi se jiġu nfurmati kif dovut dwar il-mekkaniżmu ta' faċilitazzjoni u li ċ-ċittadini tagħhom ikunu jistgħu japplikaw għall-aċċess għall-RTP.

8. MONITERAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-Awtorità Maniġerjali (l-Aġenzija) tiżgura li jkun hemm sistemi li jikkontrollaw il-funzjonament tal-RTP skont l-għanijiet prinċipali tal-politika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tipprepara evalwazzjoni ġenerali tal-RTP. Il-valutazzjoni tal-impatt tindika l-indikaturi potenzjali biex jiġi ssorveljat dak li jkun intleħaq mill-għanijiet politiċi. Is-sorsi prinċipali ta' informazzjoni huma r-repożitorju tal-RTP u s-sistemi tal-ABC.

⁶ COM(2011) 750 final.